

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar żewġ proposti leġislattivi relatati mal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bil-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-KEPD
www.edps.europa.eu)

(2019/C 140/04)

Sommarju

B'din l-Opinjoni, maħruġa skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, il-KEPD iressaq rakkomandazzjonijiet bil-għan li jimminimizza l-impatt ta' żewġ proposti tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kuntest tal-“kummerċ elettroniku” dwar id-dritt fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni ta' data personali, u b'hekk jiżgura l-konformità mal-qafas legali applikabbli għall-protezzjoni tad-data.

Huwa u jagħmel dan, il-KEPD jisħaq fuq il-ħtieġa li l-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti mill-proposti jiġu strettament limitati bil-għan li tiġi miġġielda l-frodi fiskali, u li jiġu limitati l-għbir u l-użu ta' data personali għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat għal dan il-għan. B'mod partikolari, aħna nindikaw li, fil-kuntest ta' dawn il-proposti, id-data li qed tiġi pproċessata m'għandhiex tkun relatata mal-konsumaturi (dawk li jħallsu) imma biss man-negozji online (dawk li jit-ħallsu). Dan jillimita r-riskju li l-informazzjoni tintuża għal skopijiet oħra, bħall-kontroll tad-drawwiet tax-xiri tal-konsumaturi. Napprezzaw il-fatt li l-Kummissjoni segwiet dan l-approċċ u aħna nirrakkomandaw bil-qawwa li dan l-approċċ jinżamm fin-negozjati mal-koleġżlaturi li jwasslu għall-approvazzjoni finali tal-proposti.

Barra minn hekk, il-KEPD jixtieq jenfasizza li, skont l-Artikolu 42 (1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, huwa jistenna li jiġi kkonsultat dwar l-att ta' implimentazzjoni li fil-futur se jiddefinixxi l-format standard għat-trażmissjoni tal-informazzjoni minn fornituri ta' servizzi ta' pagament lill-amministrazzjoni nazzjonali tat-taxxa, qabel l-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni.

Billi l-proposti jistabbilixxu, minbarra l-bażijiet tad-data nazzjonali, bażi tad-data elettronika ċentrali (CESOP) li għandha tiġi żviluppata, miżmuma, ospitata u ġestita mill-Kummissjoni, il-KEPD ifakkar fil-gwida tiegħu dwar il-governanza u l-ġestjoni tal-IT. Il-KEPD se jsegwi l-istabbiliment ta' din is-sistema ta' informazzjoni bħala Awtorità Superviżorja kompetenti skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

Finalment, din l-Opinjoni tippovdi gwida dwar il-kundizzjonijiet u l-limiti għal restrizzjonijiet legali u xierqa tad-drittijiet tas-suġġett tad-data f'konformità mal-GDPR u r-Regolament (UE) 2018/1725.

I. INTRODUZZJONI U SFOND

1.1. Kuntest tal-Proposti

1. Fl-10 ta' Settembru 2018, il-KEPD ġie kkonsultat b'mod informali mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-abbozzi ta' proposti li ġejjin: L-Abbozz ta' Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti dwar il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas; l-Abbozz ta' Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 282/2011 fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għal ċerti persuni taxxabbli; l-Abbozz ta' Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward ta' miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva sabiex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT fil-qasam tal-“kummerċ elettroniku”. Il-KEPD ħareġ kummenti informali fit-18 ta' Settembru 2018. F'dan ir-rigward, il-KEPD jikkonferma li huwa jilqa' l-possibbiltà li jiġu skambjati opinjonijiet mal-Kummissjoni kmieni fil-proċess tat-tfassil tal-politika bil-ħsieb li jimminimizza l-impatti tal-proposti fuq id-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data⁽²⁾.

⁽¹⁾ ĠUL 295, 21.11.2018, p. 39.

⁽²⁾ Ara l-Premessa 60 tar-Regolament (UE) 2018/1725: “Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data madwar l-Unjoni, waqt li tkun qed tħejji proposti jew rakkomandazzjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel hilita biex tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Jenħtieġ li tkun obligatorja konsultazzjoni mill-Kummissjoni wara l-adozzjoni ta' atti leġislattivi jew matul it-tħejji ta' atti delegati u ta' atti ta' implimentazzjoni kif iddefiniti fl-Artikoli 289, 290 u 291 tat-TFUE u wara l-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u tal-proposti relatati mal-ftehimiet ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 218 tat-TFUE li għandhom impatt fuq id-dritt għal protezzjoni ta' data personali. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun obligata tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, ħlief fejn ir-Regolament (UE) 2016/679 jipprovdi għall-konsultazzjoni obligatorja tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, pereżempju dwar deċiżjonijiet ta' adegwatezza jew atti delegati dwar ikoni u rekwiżiti standardizzati għal mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni.”

2. Fit-12 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-fornituri ta' servizzi ta' ħlas (minn hawn 'il quddiem, "id-Direttiva tal-Kunsill proposta")⁽³⁾ u Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward ta' miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva sabiex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT (minn hawn 'il quddiem, "ir-Regolament tal-Kunsill propost")⁽⁴⁾, minn hawn 'il quddiem, kollettivament imsejja l-"Proposti".
3. Fl-14 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni kkonsultat lill-KEPD skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725.
4. Il-KEPD jindika wkoll il-fatt li r-Regolament u d-Direttiva proposti, kif enfasizzat aktar f'din l-Opinjoni, jistabbilixxu operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data li għalihom il-Kummissjoni tkun il-kontrollur skont ir-Regolament (UE) 2018/1725. Aħna għalhekk infakkru li l-KEPD huwa l-awtorità superviżorja kompetenti fir-rigward ta' dan l-ipproċessar.

1.2. Kontenut tal-Proposti

5. Il-KEPD jinnotta li l-Proposti, li huma akkumpanjati minn Valutazzjoni tal-Impatt⁽⁵⁾, għandhom l-għan li jindirizzaw il-problema tal-frodi tal-VAT marbuta mal-"kummerċ elettroniku" billi jtejbju l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas (minn hawn 'il quddiem "PSPs").
6. B'mod partikolari, skont id-Direttiva tal-Kunsill proposta, l-Istati Membri għandhom jadottaw leġiżlazzjoni li tiżgura li l-PSPs iżommu reġistri ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas transfruntier sabiex l-awtoritajiet tat-taxxa jkunu jistgħu jikxfu l-frodi tal-VAT.

Ir-Regolament tal-Kunsill propost jikkumplimenta s-sett ta' miżuri kontra l-frodi:

- (a) li jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiġbru, jiskambjaw u janalizzaw l-informazzjoni li għandha x'taqsam ma' tranżazzjonijiet ta' ħlas dettaljati fil-Proposta tad-Direttiva tal-Kunsill, u
 - (b) li jistabbilixxu sistema ta' informazzjoni elettronika ċentrali ("CESOP") fejn l-Istati Membri jittrasmettu l-informazzjoni maħżuna fil-livell nazzjonali. Is-CESOP imbagħad tkun aċċessibbli mill-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc għall-analiżi tal-informazzjoni maħżuna fiha bil-għan li jiġu investigati l-frodi fiskali.
7. Il-KEPD jirrikonoxxi l-għanijiet tal-proposti u b'mod partikolari l-ħtieġa li jkun hemm regolament dwar dan is-suġġett billi jistabbilixxi miżuri kontra l-frodi li jindirizzaw l-operazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku. L-Opinjoni preżenti tfittex li tipprovdi parir pragmatiku dwar kif jista' jiġi mminimizzat l-impatt tal-ipproċessar ta' data personali kkawżat mill-proposti, billi tiżgura l-konformità mal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

IV. KONKLUŻJONIJET

17. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-KEPD jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- Il-Premessa 11 tad-Direttiva tal-Kunsill proposta u l-Premessa 17 tar-Regolament tal-Kunsill propost dwar il-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data għandhom jiġu emendati kif indikat fit-Taqsima 2.1 ta' din l-Opinjoni;
- inkluża l-ispeċifikazzjoni tal-iskop, kif stipulat fil-Premessa 11 tad-Direttiva tal-Kunsill u l-Premessa 17 tar-Regolament tal-Kunsill, fil-parti operattiva tal-att legali kemm tad-Direttiva tal-Kunsill kif ukoll tar-Regolament tal-Kunsill;
- wara li kkunsidra l-bażi tad-data ċentrali "CESOP", il-Kummissjoni għandha tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-ipproċessar skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, partikolarment skont il-"Linji Gwida tal-KEPD dwar il-protezzjoni tad-data personali fil-governanza tal-IT u l-ġestjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE";

⁽³⁾ Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi tal-ħlas, COM(2018)812 final, proc. 2018/0412 (CNS).

⁽⁴⁾ Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward ta' miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva sabiex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT, COM(2018) 813 final, proc. 2018/0413 (CNS).

⁽⁵⁾ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-Impatt, Jakkumpanja d-dokument Proposti għal Direttiva tal-Kunsill, Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill u Regolament tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni obbligatorja u l-iskambju ta' data tal-ħlas relatata mal-VAT.

- rigward restrizzjonijiet possibbli tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data:
- i. li jemendaw il-kliem tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1541, skont l-Artikolu 23 tal-GDPR, biex jew titħalla l-possibbiltà li jiddaħħlu fis-seħħ restrizzjonijiet għall-Istati Membri (tiġi sostitwita l-kelma “*għandu/għandha*” b’*“jista’ jirrestrinġi/tista’ tirrestrinġi”*); jew, sal-punt li r-restrizzjonijiet huma meħtieġa, jipprovdur għalihom direttament fir-Regolament (UE) Nru 904/2010;
 - ii. li jdaħħlu, skont l-Artikolu 24e tar-Regolament tal-Kunsill, fost l-elementi li għandhom jiġu definiti aktar mill-Kummissjoni f’att ta’ implimentazzjoni futur, ir-restrizzjonijiet possibbli tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u l-gwida maħruġa mill-KEPD dwar din il-kwistjoni (“Gwida dwar l-Artikolu 25 tar-Regolament il-ġdid u regoli interni”).
- il-Kummissjoni għandha, skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, tikkonsulta lill-KEPD dwar l-att ta’ implimentazzjoni dwar il-format standard elettroniku għat-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-PSP lill-awtorità tat-taxxa kompetenti tal-Istat Membru fejn il-PSP huwa stabbilit qabel l-adozzjoni tiegħu mill-Kummissjoni.

Brussell, l-14 ta’ Marzu 2019

Wojciech Rafał WIEWIÓROWSKI
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
